**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Jannar, 2017**

**Citazzjoni Nru: 186/1994 AF**

**Francis sive Tarcisio Galea bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Tarcisio Galea Construction Limited**

**vs**

**Anthony Mario Vella bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Chequers' Inn Operators Limited**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur Francis sive Tarcisio Galea fil-kwalità tiegħu ta' direttur għan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Tarcisio Galea Construction Limited li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Fit-12 ta' Awwissu 1990, l-attur bhala proprjetarju tal-lukanda Cheuqers' Inn, Triq it-Trill, Qawra, ghamel ftehim mal-konvenut noe rigward it-tmexxija tal-istess lukanda liema kondizzjonijiet miftehma gew redatti fi skrittura tat-12 ta' Awwissu, 1990 kif jirrizulta ahjar mill-anness Dok. F1.

Is-socjetà attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut noe is-somma ta' Lm42,000 (tnejn u erbghin elf Lira Maltin) bhala bilanc tal-pagament dovut lilha sad-9 ta' Dicembru 1993.

Is-socjetà konvenuta interpellata biex taghmel il-pagamenti ripetutament u anke permezz ta' ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 1993 baqghet inadempjenti.

L-istess socjetà konvenuta ghandha taghti ammont sostanzjali lil diversi, li uhud minnhom huma elenkati fl-anness Dok. F2.

Is-socjetà konvenuta waqfet milli taghmel pagamenti u tinsab fi stat ta' falliment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-socjetà konvenuta waqfet thallas id-debiti taghha.

2. Tistabilixxi l-gurnata tac-cessazzjoni tal-pagamenti da parti taghha.

3. Tiddikjara li l-istess socjetà hi fi stat ta' falliment, u dan bi procedura sommarja skond it-termini tal-Artikolu 482(1) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tinnomina kuratur (wiehed jew izhed) tas-socjetà konvenuta falluta sabiex jezercita l-funzjonijiet moghtija lilu fl-imsemmi Kap. 13.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut noe, li jibqa' ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur nomine li taqra hekk:

Is-socjetà attrici ghamlet ftehim mas-socjetà konvenut rigward it-tmexxija tal-lukanda Chequers' Inn, Triq it-Trill, Qawra liema kondizzjonijiet miftehma gew redatti fi skrittura tat-12 ta' Awwissu, 1990 (Dok. F1).

Is-socjetà attrici ripetutament interpellat li s-socjetà konvenuta biexthallas il-pagamenti dovuti skond il-ftehim u dana anke permezz ta' ittra ufficcjali fil-25 ta' Novembru 1993.

Is-socjetà attrici ghandha tiehu s-somma ta' Lm42,000 bilanc tal-"fee" dovuta lilha sad-9 ta' Dicembru 1993.

Is-socjetà konvenuta ghandha taghti ammont sostanzjali tad-diversi u l-esponent jaghmel referenza ghal uhud minnhom kif elenkat fid-Dok. F2.

Is-socjetà konvenuta waqfet li taghmel pagamenti u tinsab fi stat ta' falliment in oltre kif jirrizulta mir-ricerki (Dok. F3) l-assi tas-socjetà konvenuta ma jkoprix l-ammont sostanzjali ta' debiti li ghandha l-istess socjetà konvenuta.

L-esponent m'ghandux alternattiva ohra hlief li jaghmel din il-kawza biex tigi ottenuta dikjarazzjoni ta' falliment tas-socjetà konvenuta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Mario Vella għan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Chequers' Inn Operators limited li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament il-ftehim allegat mill-attur nomine qed jigi impunjat quddiem din il-Qorti permezz ta' citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerc numru 1708/93AM differita ghas-26 ta' Mejju 1994; il-bazi ta' l-impunjazzjoni hija vizzju ta' kunsens.

Fil-mertu mhux minnu illi s-somma ta' tnejn u erbghin elf Lira Maltin (Lm42,000) hija dovuta kif pretiz mill-attur nomine.

Fil-mertu mhux minnu illi s-socjetà konvenuta waqfet milli taghmel pagamenti u fi stat ta' falliment.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut nomine li taqra hekk:

L-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huwa kontestat fis-sens illi l-ftehim qed jigi impunjat permezz ta' citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerc numru 1708/AM differita ghas-26 ta' Mejju 1984.

Konsegwentement it-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huwa kontestat.

Ghall-istess raguni it-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huwa kontestat.

Ir-raba u l-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati fis-sens illi s-socjetà konvenuta mhijiex fi stat ta' falliment.

Il-kawza qed tigi kontestata.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April 1996 li permezz tagħha kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ġiet miċħuda t-talba tal-konvenut nomine għas-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri sakemm tiġi deċiża l-vertenza tal-impunjazzjoni tal-iskrittura li kienet il-mertu tal-kawża fl-ismijiet Anthony Mario Vella noe vs Francis sive Tarcisio Galea noe (ċitazzjoni numru 1708/1993), liema kawża ġiet ċeduta fl-udjenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' April 2014.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' April 2014, fuq talba tal-partijiet fil-kawża fl-ismijiet Francis sive Tarcisio Galea noe vs Anthony Mario Vella noe (ċitazzjoni numru 23/1994), il-Qorti ordnat illi l-atti tal-kawża fl-ismijiet Anthony Mario Vella noe vs Francis sive Tarcisio Galea noe (ċitazzjoni numru 1708/1993), li ġiet ċeduta fl-udjenza tat-8 ta' April 2014, jiġu allegati mal-atti tal-kawża 23/1994 kif ukoll illi l-provi miġbura fil-kawża odjerna u dawk miġbura fil-kawżi msemmija u l-kawża fl-ismijiet Anthony Mario Vella noe vs Francis sive Tarcisio Galea pro et noe (ċitazzjoni numru 339/1994) li lkoll kienu qegħdin jinstemgħu

minn din il-Qorti kif presjeduta, ikunu jikkostitwixxu prova għall-kawżi kollha msemmija.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur nomine qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li s-socjetà konvenuta waqfet tħallas id-debiti tagħha, tistabilixxi l-ġurnata taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, tiddikjara li s-socjetà konvenuta hija fi stat ta' falliment bil-proċedura sommarja skont it-termini tal-artikolu 482(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ u tinnomina kuratur jew kuraturi sabiex jeserċitaw il-funzjonijiet skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawn. Is-socjetà konvenuta kienet topera l-lukanda bl-isem ta' Chequers Inn li kienet tinsab fi Triq it-Trill, Qawra, minn Awwissu tas-sena 1990 sa Diċembru tas-sena 1993. Din il-lukanda kienet proprjetà tas-socjetà attriċi. Ix-xogħlijiet u benefikati sabiex il-binja tiġi kkonvertita f'lukanda saru kollha mis-socjetà konvenuta in kwantu li l-binja kienet fi stat ta' ġebel u saqaf meta daħal fil-pussess tagħha l-konvenut nomine. Inizjalment il-partijiet kellhom biss ftehim verbali. Dan ġie segwit b'dikjarazzjoni tal-konvenut nomine datata 8 ta' Awwissu 1990 fejn iddikjara li huwa kien qiegħed jokkupa l-lukanda b'mera tolleranza. Ftit ta' żmien wara l-partijiet ffirmaw skrittura datata 12 ta' Awwissu 1990 fejn ġie miftihem li s-socjetà attriċi tgħaddi l-operat tal-lukanda msemmija lis-socjetà konvenuta taħt il-kundizzjonijiet indikati fl-istess skrittura versu l-korrispettiv annwu ta' Lm70,000, llum €163,056, pagabbli bil-quddiem, u dan għall-perjodu ta' ħames snin liema perjodu seta' jiġi tterminat qabel f'każ ta' inadempjenza fil-pagamenti skont kif stipulat fil-klawżola 19(a) tal-istess ftehim. Għalkemm l-iskrittura hija datata 12 ta' Awwissu 1990, din fil-fatt ġiet iffirmata xi żmien wara din id-data iżda ngħatat id-data tat-12 ta' Awwissu 1990 sabiex il-ftehim ikopri l-perjodu kollu minn meta s-socjetà konvenuta

bdiet topera l-lukanda. Mill-provi prodotti ma jirriżultax meta attwalment ġiet iffirmata din l-iskrittura.

Minħabba li s-socjetà konvenuta kienet għamlet diversi benefikati fil-lukanda, liema benefikati kienu jammontaw għall-Lm230,000, llum €535,756, il-partijiet ftehmu li għandha ssir tpaċija bejn il-valur ta' dawn il-benefikati u l-ħlas annwali dovut mis-socjetà konvenuta għall-operat tal-lukanda, skont l-iskrittura datata 12 ta' Awwissu 1990, b'dan illi in kwantu li skont il-ftehim l-imsemmi pagament ta' Lm70,000 kien dovut f'Awissu ta' kull sena, kien biss f'Awwissu tas-sena 1993 li kien dovut pagament lis-socjetà attriċi u dan fl-ammont ta' Lm50,000, llum €116,469. Dan kollu jirriżulta mix-xhieda ta' Edmond Bartolo li dak iż-żmien kien jaħdem bħala *accountant* mas-socjetà attriċi, liema xhieda ngħatat fil-kawża 1708/1993. Il-konvenut nomine jiċħad li kien dovut xi pagament lill-attur nomine iżda il-Qorti ma tqisx illi l-verżjoni ta' Anthony Mario Vella hija waħda kredibbli jew affidabbli in vista tal-fatt illi huwa biddel il-verżjoni tiegħu fil-mori tal-proċeduri fil-kawża 1708/1993 minn waħda fejn ċaħad kategorikament li qatt iffirma l-iskrittura tat-12 ta' Awwissu 1990 għal waħda ta' ammissjoni li huwa kien fil-fatt iffirma.

Klawsola 19 tal-iskrittura datata 12 ta' Awwissu 1990 taqra hekk:

> "*In the event of any one of the following occurences:*
>
> *(a) Should the operator fail to pay an installment of the fee as mentioned in clause (2) hereof within fourteen (14) days from due date and such default continues for another seven (7) days after notice thereof has been given by judicial letter to the operator by the owner:*
>
> *.....*
>
> *Then the owner shall have the right to terminate this agreement forthwith and take over the Hotel without payments of any compensation to the operator for any improvement, equipment, fixtures and fittings to the Hotel*

*and without prejudice to any rights of the owner for any arrears in the fee mentioned in clause (2) hereof."*

L-istess Edmond Bartolo jkompli billi jgħid fix-xhieda tiegħu fil-kawża 1708/1993 illi minn riċerka li għamlet is-socjetà attriċi rriżultalha li s-socjetà konvenuta kellha problemi finanzjarji u kienet waqfet milli tħallas lill-kredituri tagħha. Huwa jsemmi speċifikament lill-Korporazzjoni Telemalta, lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif ukoll lis-socjetà United Acceptance Finance Limited, li lkoll rappreżentanti tagħhom xehdu fil-mori tal-proċeduri u kkonfermaw li huma kredituri tas-socjetà konvenuta. Huwa jżid illi minkejja li saru taħdidiet bejn il-partijiet bl-għan illi s-socjetà attriċi takkwista lis-socjetà konvenuta, dawn it-trattattivi fallew peress illi s-socjetà konvenuta naqset milli tippreżenta lis-socjetà attriċi kopja tal-aħħar *audited final accounts* kif kienet mitluba li tagħmel permezz ta' ittra mibgħuta lill-Anthony Mario Vella fl-14 ta' Ottubru 1993.

Għaldaqstant, u għall-finijiet tal-klawżola numru 19 tal-iskrittura msemmija, is-socjetà attriċi bgħatet ittra uffiċjali lis-socjetà konvenuta fejn din tal-aħħar ġiet interpellata sabiex fi żmien sebgħat ijiem min notifika tħallas il-pagament dovut lis-socjetà attriċi fuq il-lukanda in kwistjoni skont il-ftehim tat-12 ta' Awwissu 1990. Peress illi s-socjetà konvenuta naqset milli tħallas l-ammont mitlub fiż-żmien stipulat fl-ittra uffiċjali msemmija, nhar id-9 ta' Diċembru 1993 nies inkarigati mis-socjetà attriċi daħlu fil-lukanda in kwistjoni u effettivament keċċew minn fuq il-post lill-konvenut nomine, l-impjegati tas-socjetà konvenuta u anke turisti li kienu qegħdin fil-lukanda, biex b'hekk l-attur nomine daħal fil-pussess tal-lukanda kontra r-rieda tal-konvenut nomine.

Wara l-inċident tad-9 ta' Diċembru 1993, is-socjetà konvenuta pproċediet b'kawża ta' spoll kontra s-socjetà attriċi u Francis Galea personalment. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Anthony Mario Vella noe vs Francis Galea pro et noe deċiża tal-4 ta' Marzu 2011, din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talbiet attriċi billi ddikjarat li l-konvenut proprio et nomine f'dik il-kawża kkommetta spoll vjolenti fil-konfront tal-attur Anthony Mario Vella nomine. Il-Qorti ordnat ukoll ir-reintegrazzjoni fid-

detenzjoni jew pussess tal-lukanda Chequers Inn. Permezz tas-sentenza tagħha datata 24 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn instab illi l-konvenut proprio et nomine f'dik il-kawża kkommetta spoll vjolenti fil-konfront ta' Anthony Mario Vella nomine iżda rrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ordnat ir-reintegrazzjoni fid-detenzjoni jew pussess, u dan peress illi fil-mori tal-proċeduri l-art fejn kienet tinstab il-lukanda nbiegħet lill-terzi li ma kienux parti fil-kawża.

Permezz ta' sentenza datata 18 ta' Ottubru 2005 fl-istess ismijiet tal-kawża odjerna, din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talbiet attriċi billi ddikjarat illi s-socjetà konvenuta kienet responsabbli għad-danni sofferti mis-socjetà attriċi minħabba nuqqas ta' manutenzjoni tal-lukanda, liema danni ġew likwidati fl-ammont ta' Lm13,057.09, llum €30,415, ikkundannat lis-socjetà konvenuta tħallas lis-socjetà attriċi d-danni hekk likwidati, u fir-rigward tas-somma dovuta lis-socjetà attriċi in forza tal-klawsola numru 19(a) msemmija, ġiet likwidata s-somma ta' Lm1,993.73, llum €4644.14 li s-socjetà konvenuta ġiet ikkundannata sabiex tħallas lis-socjetà attriċi. Minn din is-sentenza ma jirriżultax li ġie interpost appell. L-attur nomine fl-affidavit tiegħu ppreżentat fil-kawża 1708/1993 jgħid illi l-ammont likwidat mill-Qorti qatt ma tħallas mill-konvenut nomine.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li minkejja li dawn il-proċeduri huma ta' natura sommarja, jirriżulta li għal snin sħaħ ma sar xejn fil-kawża peress li l-partijiet kienu qegħdin jesploraw il-possibiltà ta' transazzjoni, liema transazzjoni qatt ma seħħet.

Is-socjetà konvenuta laqgħet għat-talbiet attriċi billi eċċepiet preliminarjament illi l-ftehim li jsemmi l-attur nomine qiegħed jiġi impunjat permezz ta' proċeduri separati. Jirriżulta li l-kawża msemmija mill-konvenut nomine u ċjoe dik fl-ismijiet inversi (ċitazzjoni numru 1708/1993) ġiet ċeduta fl-udjenza ta'din il-Qorti tat-8 ta' April 2014. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Fil-mertu, il-konvenut nomine eċċepixxa li m'huwiex minnu li s-somma ta' Lm42,000 hija dovuta kif pretiż mill-attur nomine.

Wara li eżaminat il-provi kollha prodotti, il-Qorti ssib illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi akkolta. Minkejja li fix-xhieda tiegħu fil-kawża 1708/1993 Edmond Bartolo jgħid illi kien dovut l-ammont ta' Lm50,000 mingħand is-socjetà konvenuta skont il-ftehim datat 12 ta' Awwissu 1990, u dan wara li saret tpaċija mal-ispejjeż kollha li għamel fil-lukanda l-konvenut nomine, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-istess ismijiet tat-18 ta' Ottubru 2005 appena ċitata, sabet illi kien dovut biss l-ammont ta' Lm1,993.73 skont prospett eżebit mill-attur nomine stess quddiem dik il-Qorti. In kwantu li l-attur nomine ma ressaqx prova sodisfaċjenti sabiex jispjega kif wasal għall-ammont ta' Lm42,000 u jekk dan l-ammont jew parti sostanzjali minnu tħallasx fil-mori tal-proċeduri, in vista ta' dak deċiż fis-sentenza msemmija, il-Qorti hija kostretta li tilqa' l-eċċezzjoni tas-socjetà konvenuta.

Imiss issa li jiġu kkunsidrati t-talbiet attriċi u l-eċċezzjoni tas-socjetà konvenuta li m'huwiex minnu li hija waqfet milli tagħmel pagamenti u qiegħda fi stat ta' falliment.

Skont artikolu 429(5) tal-Att dwar il-Kumpanniji, dawn il-proċeduri ta' falliment, għalkemm kontra kumpannija, għandhom jibqgħu regolati mill-Kodiċi tal-Kummerċ ladarba nbdew qabel l-1 ta' Jannar 1996 u ċioè il-'jum stabbilit' ai termini ta' dak l-Att.

Il-Qorti kkunsidrat illi mill-provi prodotti huwa ċar illi s-socjetà konvenuta waqfet milli tħallas il-kredituri tagħha. Is-socjetà attriċi ressqet bħala xhieda rappreżentanti mill-Korporazzjoni Telemalta, United Acceptance Finance Limited u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li kkonfermaw li s-socjetà attriċi waqfet milli tħallas il-kontijiet tagħha. Minkejja li l-konvenut nomine ma ppermettiex illi jixhed ir-rappreżentant tal-Bank of Valletta peress li ma aċċettax li dan ix-xhud jiġi rilaxxat mill-obbligu tas-sigriet professjonarju bankjarju, il-konvenut nomine stess jikkonferma li huwa waqaf milli jħallas lill-kredituri tiegħu, inkluż il-bank imsemmi, tant illi huwa jgħid illi fuq talba tal-bank inbiegħu proprjetajiet oħra tas-socjetà konvenuta bil-proċedura tas-subbasta. Lanqas ma huwa kkontestat mill-konvenut nomine li minkejja li ġie kkundannat minn din il-Qorti diversament presjeduta jħallas l-ammont ta' Lm35,058, llum

€81,663, lis-socjetà attriċi bħala danni kkaġunati fil-lukanda u ħlas għall-użu tagħha skont il-ftehim, dan l-ammont baqa' ma tħallasx mis-socjetà konvenuta.
Huwa stabbilit illi l-punt meta kummerċjant jieqaf mill-ħlas tad-djun u għalhekk ikun fi stat ta' falliment huwa punt ta' fatt, kif ingħad fid-deċiżjoni bl-isem ta' Falliment ta' Joseph Grixti, eżerċitant il-kummerċ taħt id-ditta Christie Davie & Sons (Qorti tal-Appell, 15 ta' April 1955).

Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, biex tingħata dikjarazzjoni ta' falliment huwa biżżejjed illi kummerċjant ikun waqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu, m'huwiex meħtieġ illi jintwera wkoll illi ma għandux mnejn iħallas kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-25 ta' April 1961 fil-proċeduri tal-Falliment ta' Henry Shirley Furniss-Roe. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Kummerċ irriteniet illi *'l-istat ta' ċessazzjoni tal-pagamenti ta' kummerċjant jikkonsisti fin-nuqqas tiegħu li jissoddisfa puntwalment l-obbligi li jkun assuma, liema stat jimmanifesta ruħu bir-rifjut tal-pagament. Għalhekk huwa l-istat tal-insolvenza li jikkostitwixxi l-falliment u mhux l-istat ta' insolvibbilita*`'.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-socjetà attriċi tgħid illi d-data ta' ċessazzjoni ta' pagamenti għandha tkun id-29 ta' Novembru 1993, u cioè id-data meta s-socjetà konvenuta ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali interpellatorja tas-socjetà attriċi sabiex tħallas l-ammont dovut skont l-iskrittura tat-12 ta' Awwissu 1990.

Minkejja li kif diġa ngħad din il-Qorti ma jirriżultalhiex jekk għadux dovut l-ammont ta' Lm42,000 mis-socjetà konvenuta, il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li sa dakinhar li ġiet notifikata lilha l-ittra uffiċjali msemmija, is-socjetà konvenuta kienet waqfet milli tħallas lill-kredituri tagħha, senjatament dawk illi xehdu fil-mori ta' dawn il-proċeduri kif ukoll illi ma sarx il-pagament dovut lis-socjetà attriċi skont il-ftehim tat-12 ta' Awwisssu 1990. Dan qiegħed jingħad minkejja li fil-mori tal-proċeduri l-konvenut nomine għamel pagamenti akkont lill-Korporazzjoni Enemalta kif jirriżulta mix-xhieda ta' Anthony Bonello fil-kawża 23/1994. Dan għaliex kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Victoria

Cremona et vs Carmelo Chetcuti pro et noe, deċiża fit-13 ta' Jannar 2004: '*Il-fatt li saru xi ħlasijiet ma jfissirx illi ipso facto l-kummerċant ma għandux jitqies li waqaf mill-ħlas tad-djun. Il-kummerċjant ma jistax jaħrab mid-dikjarazzjoni ta' falliment, u mill-konsegwenzi li din iġġib magħha għall-ħarsien ta' l-interessi tal-kredituri li jibqgħu ma jitħallsux, billi jagħżel li jħallas xi wħud mid-djun tiegħu, u jagħżel hu liema jħallas.*'

Il-fatt illi s-socjetà konvenuta għandha djun sostanzjali li m'humiex qegħdin jitħallsu kif jikkonferma l-konvenut nomine stess, huwa prova biżżejjed sabiex titqies fi stat ta' falliment. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi l-Qorti sejra tistabbilixxi d-data tad-29 ta' Novembru 1993 bħala d-data meta s-socjetà konvenuta waqfet milli tħallas il-kredituri tagħha.

Għar-raġunijet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-socjetà konvenuta, tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha u tiddikjara li s-socjetà konvenuta waqfet milli tħallas id-debiti tagħha fid-29 ta' Novembru 1993, tiddikjara li s-socjetà konvenuta hija fi stat ta' falliment u għaldaqstant, taħtar lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bħala kuratur tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet skont it-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ u tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza ghal nhar l-Erbgha 10 ta' Mejju 2017, għall-eżami tal-inventarju li l-kuratur għandu jħejji skont l-artikolu 502 et seq tal-Kodiċi tal-Kummerċ, għall-eżami tal-lista tal-kredituri skont l-artikolu 510(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ u sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri skont l-artikolu 510(2) u (3) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

IMHALLEF

DEP/REG